**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru, 2017**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 354/2016**

**Malta Towage Limited**

**vs**

**Id-Direttur tas-Sajd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-3 ta' Mejju, 2016 li jghid hekk:

Il-Fatti tal-kaz
1. Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tal-bastiment bl-isem 'Ernest E. Pierce', liema bastiment ghandu licenzja ghas-sajd bin-numru MFD0077, liema licenzja inharget fil-15 ta' Mejju 2015 b'validita sal-4 ta' Mejju 2016, skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi fil-15 ta' Gunju 2015, id-Direttur tad-Dipartiment intimat iddecieda illi jissospendi l-licenzja tas-sajd MFD0077 u jiddikjaraha bhala "mhux operattiv" (skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B), u dan fuq allegazzjonijiet li gew imfissra f'kontroprotest ipprezentat mill-istess Dipartiment intimat fit-2 ta' Settembru 2015 (kopja anness, esebita u mmarkata bhala Dok. C):-
i) Illi minn investigazzjonijiet u kontrolli mwettqa minn ufficjali ghat-tharis tas-sajd fit-2 ta' Gunju 2015, il-bastiment in kwistjoni kien qieghed, allegatament, jopera f'pozizzjoni geografika oltre tnax-il mil nautiku minghajr ma kellu permess specifiku illi jaghmel dan; u
ii) Illi inoltre, mill-imsemmija kontrolli mwettqa fl-istess gurnata tat-2 ta' Gunju 2015, il-bastiment de quo kien qieghed allegatament jigi kmandat minn persuna li ma kinitx registrata u licenzjata ghas-sajd biex tagixxi bhala kaptan skond il-ligi.

3. Illi konsegwentement, il-licenzja ghas-sajd tal-bastiment de quo giet sospiza mid-Dipartiment intimat ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, u baqghet hekk sospiza indefinittivament.

4. Illi effettivament, apparti l-fatt illi l-licenzja de quo giet sospiza minghajr ma kienu jezistu l-ebda wahda mic-cirkostanzi li skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12(4) tal-Kapitolu 425 huma rikjesti biex iwasslu ghas-sospenzjoni tal-licenzja ghas-sajd, id-Dipartiment intimat baqa' jzomm l-istess sospenzjoni in vigore minghajr ma ha l-ebda proceduri jew azzjoni ohra li kienu espressament indikati mill-ligi f'cirkostanzi ta' allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tas-sajd ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ksur id-Dipartiment intimat allega li rrizulta mill-investigazzjonijiet u kontrolli mwettqa minnu fit-2 ta' Gunju 2015, kif fuq premess.

5. Illi s-socjeta rikorrenti talbet lid-Direttur tad-Dipartiment intimat sabiex jirriattiva l-licenzja tal-bastiment de quo sabiex il-bastiment jista' jkompli jopera skond kif inhu licenzjat illi jaghmel skond il-ligi, u dan permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2016 (kopja annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. D) fejn gew kontestati l-allegazzjonijiet maghmula mid-Dipartiment intimat in sostenn tad-decizjoni tieghu illi jissospendi l-licenzja de quo, u fejn gie wkoll dikjarat u konfermat li ma ser ikun hemm l-ebda kaptan iehor ghall-bastiment u illi l-kaptan registrat fuq il-licenzja de quo, ossia l-Kaptan Joseph O'Connor, ser jibqa' l-kaptan registrat ghall-finijiet tal-licenzja.

6. Illi b'danakollu, minkejja t-talba tas-socjeta rikorrenti, id-Dipartiment intimat ma baghat l-ebda risposta ghat-talba fuq imsemmija sal-14 ta' April 2016 (kopja tar-risposta relattiva hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. E) meta gharraf li s-socjeta rikorrenti tramite l-konsulent legali taghha, illi t-talba ghat-tnehhija tas-sospenzjoni tal-licenzja in kwistjoni qed tigi michuda.

Ir-Raguni ghat-talba

7. Illi dan ir-rifjut gie komunikat lis-socjeta rikorrenti minghajr ma nghataw l-ebda ragunijiet ghal dan ir-rifjut ghajr ghal referenza ghall-kontroprotest ipprezentat mid-Dipartiment intimat datat 2 ta' Settembru 2015 (Dok. C), u minghajr ukoll ma nghata l-ebda taghrif dwar dak li huwa mehtieg sabiex il-licenzja de quo tigi riattivata ghajr ghal referenza ghall-ittra li ntbaghtet mill-istess Dipartiment intimat datata 1 ta' Settembru 2015 (annessa mar-risposta tad-Dipartiment tal-14 ta' April 2016 - Dok. E) fejn is-socjeta rikorrenti kienet giet mitluba illi turi li "the vessel's intended use is for fishing" u fejn giet mitluba wkoll tirregistra kaptan ghall-bastiment li jissodisfa r-rekwiziti legali ghal tali registrazzjoni, liema talba tal-ahhar kienet diga sorvolata bid-dikjarazzjoni li saret mis-socjeta rikorrenti fl-ittra taghha datata 15 ta' Marzu 2016 (Dok. D).

8. Illi wara hafna insistenza u fuq talba tas-socjeta rikorrenti fic-cirkostanzi, id-Dipartiment intimat elenka, permezz ta' email mibghut minnu fl-20 ta' April 2016 (anness, esebit u mmarkat bhala Dok. F), il-kundizzjonijiet li skond hu, kellhom jigu sodisfatti sabiex il-licenzja tal-bastiment de quo tigi riattivata, fosthom spezzjoni u certifikat mahrug mid-Dipartiment Regolatorju Veterinarju u Phytosanitarju li jikkonfermaw li l-istiva tal-bastiment de quo huwa tajjeb biex jistiva l-hut.

9. Illi dan ir-rekwizit da parti tad-Dipartiment intimat gie impost minkejja l-fatt illi l-bastiment huwa licenzjat fil-kategorija MFD li minnha nnifisha tirreferi ghal dawk il-bastimenti tas-sajd li ma jintuzawx biex jaqbdu l-hut jew ghall-garr/stivar abbord ta' hut u hut li jintuza ghall-liska. Infatti, is-socjeta rikorrenti kienet diga kkonfermat permezz ta' dikjarazzjoni datata 29 ta' April 2015 maghmula mis-socjeta rikorrenti fuq talba tad-Dipartiment intimat ghall-finijiet tal-hrug tal-licenzja tal-bastiment ghall-perijodu 2015-2016 (kopja annessa, esebita u mmarkata Dok. G), illi l-uzu tal-bastiment de quo jeskludi s-sajd ghall-hut u l-garr u stivar tal-hut u liska, gie konfermat, izda minkejja dan id-Dipartiment intimat baqa' jinsisti ghal din ic-certifikazzjoni minghand il-Veterinary and Phytosanitary Regulation Department.

10. Illi ta' min isemmi wkoll illi ghalkemm skond id-Dipartiment intimat din il-kundizzjoni giet rikjesta ghaliex il-bastiment kien instab bi fuel fl-istiva tieghu, dan kien gara ferm wara li l-licenzja kienet diga sospiza u kwindi c-certifikazzjoni rikjesta mid-Dipartiment intimat ma kienetx relevanti bhala wahda mir-ragunijiet ghaliex il-licenzja giet sospiza fil-15 ta' Gunju 2015, oltre li lanqas hija rikjesta fir-rigward ta' bastiment li huwa licenzjat fil-kategorija MFD.

11. Illi sabiex ma jintilifx iktar zmien is-socjeta rikorrenti, li kienet tehtieg il-licenzja urgentement, xorta wahda kkuntattjat lid-Dipartiment Regolatorju Veterinarju u Phytosanitarju sabiex tikseb ic-certifikazzjoni rikjesta mid-Dipartiment intimat u, wara illi saret spezzjoni tal-bastiment fil-21 ta' April 2016 minn Dr Benedetto Zangrilli, ufficjal fl-imsemmi Dipartiment Regolatorju, l-istess Dr Zangrilli informa lis-socjeta rikorrenti illi ma huwiex possibbli l-bastiment jigi certifikat minnu kif rikjest mid-Dipartiment ·intimat stante illi d-Dipartiment Regolatorju Veterinarju u Phytosanitarju huwa inkarigat illi jiccertifika bastimenti licenzjati fil-kategorija MFA biss, cioe bastimenti li jintuzaw ghas-sajd tal-hut jew illi jgorru jew jistivaw hut jew liska abbord, u mhux bastimenti licenzjati fil-kategorija MFD (ara skambju ta' emails datati 24 ta' April 2016 hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. H).

12. Illi b'danakollu, ghalkemm id-Dipartiment intimat gie mgharraf illi l-kundizzjonijiet imposti minnu ghat-tnehhija tas-sospenzjoni tal-licenzja de quo gew sodisfatti, u ghalkemm gie mgharraf ukoll bin-nuqqas ta' relevanza kif ukoll bl-impossibilita illi tinkiseb ic-certifikazzjoni rikjesta mill-Veterinary and Phytosanitary Regulation Departiment, l-istess Dipartiment intimat mhux talli baqa' jinsisti illi jinghata c-certifikazzjoni msemmija dwar il-kundizzjoni tal-istiva tal-bastiment u baqa' ma indikax l-entita li hija inkarigata, accettata jew kwalifikata biex taghmel l-ispezzjoni u certifikazzjoni ta' bastiment licenzjat fil-kategorija MFD kif rikjest ghall-finijiet tal-istess Dipartiment intimat, talli rrifjuta li jnehhi l-effetti tas-sospenzjoni tal-licenzja ghalkemm kien infurmat direttament mill-imsemmi Dr Zangrilli nnifsu (ara skambju ta' emails datati 26 ta' April 2016 hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. I) illi ma setghax johrog ic-certifikazzjoni rikjesta.

13. Illi addirittura f'dan l-istadju, id-Dipartiment intimat impona wkoll, dejjem fil-kuntest tat-talba ghat-tnehhija tal-effetti tas-sospenzjoni tal-licenzja de quo, kundizzjonijiet godda ulterjuri u irrelevanti li qatt ma kienu rikjesti minnu qabel fil-kuntest tal-hrug jew riattivazzjoni tal-licenzja de quo, fosthom kundizzjonijiet dwar l-ismijiet tal-crew, kuntratt ta' impieg tal-kaptan tal-bastiment, kondotta tal-pulizija u dikjarazzjoni dwar l-uzu tal-bastiment (vide email datat 25 ta' April 2016, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. J).

14. Illi biex ma tkomplix thalli s-sitwazzjoni taggrava, is-socjeta rikorrenti ghamlet hilitha sabiex terga' tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha godda, ghajr ghall-kundizzjoni impossibbli u irrelevanti dwar ic-certifikazzjoni tal-istat tal-istiva tal-bastiment, (vide emails datati 26 ta' April 2016 hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. K u Dok. L rispettivament), izda b'danakollu, id-Dipartiment intimat baqa' jirrfjuta illi jirriattiva l-licenzja tal-bastiment de quo.

15. Illi jirrizulta d-Dipartiment intimat jaf ben tajjeb illi c-certifikazzjoni minnu rikjesta ghat-tnehhija tas-sospenzjoni tal-licenzja kif mitluba mis-socjeta rikorrenti, ossia c-certifikazzjoni minghand il-Veterinary and Phytosanitary Regulation Department dwar l-istat tal-istiva tal-bastiment, hija irrelevanti fic-cirkostanzi tal-bastiment de quo stante illi dan il-bastiment dikjaratament ma jintuzax ghas-sajd tal-hut jew ghall-garr u stiva tal-hut u liska, izda minkejja dan baqa' jinsisti fuq din il-kundizzjoni meta jaf ukoll illi d-dewmien u s-sospenzjoni kontinwata tal-licenzja sejrin jirrekaw pregudizzju u danni ingenti lis-socjeta rikorrenti. Dan kollu jikkonferma illi r-rifjut tad-Dipartiment illi jirriattiva l-licenzja sar u qed isir b'mod abbuziv, illegali u ghal ragunijiet irrelevanti, kif ukoll in malafede assoluta, u ghalhekk l-istess Dipartiment ghandu jwiegeb ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta rikorrenti.

16. Illi effettivament id-Dipartiment intimat gie mgharraf ripetutament illi l-agir tieghu fic-cirkostanzi u r-rifjut persistenti tieghu illi jnehhi l-effetti tas-sospenzjoni tal-licenzja, huma illegali user itellfu lis-socjeta rikorrenti kuntratt konkluz ma' terzi relattivament ghall-uzu tal-bastiment Ernest E. Pierce ghall-istagun tat-tonn 2016. Id-Dipartiment ghandu diga fil-pussess tieghu kopja tal-kuntratt konkluz mis-socjeta rikorrenti u jaf illi l-prokrastinazzjoni tieghu ser itellef, kif diga tellef dan il-kuntratt u l-qliegh relattiv, Ii s-socjeta rikorrenti (vide email datat 20 ta' April 2016 - Dok. M).

17. Illi fic-cirkostanzi, dan ir-rifjut tad-Dipartiment intimat illi jirriattiva l-licenzja tal-bastiment de quo jikkostitwixxi abbuz tas-setgha amministrattiv tieghu u ghandu jitqies bhala eghmil amministrattiv li sar/qed isir ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, oltre li huwa eghmil amministrattiv li jmur kontra l-ligi u li sar minghajr ma gew osservati l-principji ta' gustizzja naturali, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv).

18. Illi s-socjeta rikorrenti diga pprezentat protest gudizzjarju datat ta' April 2016 (kopja annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. N) sabiex tipprotesta ruhha kontra inter alia ir-rifjut tad-Dipartiment intimat illi jnehhi l-effetti tas-sospensjoni indefinittiva, tal-licenzja de quo, izda b'danakollu id-Dipartiment baqa' inadempjenti.

It-Talbiet

Jghid ghalhekk id-Dipartiment intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja jew opportuna:-

1. Tiddikjara ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, illi r-rifjut datat 14 ta' April 2016 kif ukoll ir-rijfut kontinwat tad-Dipartiment intimat illi jnehhi l-effetti tas-sospenzjoni tal-licenzja MFD0077 tal-bastiment Ernest E. Pierce kif mitlub mis-socjeta rikorrenti, jikkosti twixxu eghmil amministrattiv ultra vires a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv) jew min minnhom.

2. Tiddikjara konsegwentement illi li l-imsemmi rifjut u r-rifjut kontinwat tat-talba tas-socjeta rikorrenti bhala null, invalidu u minghajr ebda effett fil-ligi.

3. Tiddikjara illi d-Dipartiment intimat agixxa in malafede fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u illi huwa responsabbli ghalhekk ghad-danni sofferti mill-istess socjeta rikorrenti bhala rizultat tal-agir ultra vires tal-istess intimat.

4. Tiddikjara illi minhabba dan l-agir illegali tad-Dipartiment intimat, is-socjeta rikorrenti soffriet id-danni.

5. Tillikwida konsegwentement id-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti u tikkundanna lid-Dipartiment ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:
1. Illi in linea preliminari, ghal finijiet ta' kjarifika u korrettezza l-esponenti jecepixxi illi ma jezisti ebda Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Id-Direttur fi hdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li ghandu x'jaqsam mar-regolazzjoni tas-sajd huwa d-Direttur tas-Sajd;

2. Illi in linea preliminari l-esponent jecepixxi illi s-socjeta rikorrenti ma ghandiex l-interess guridiku necessarju sabiex tistitwixxi l-kawza odjerna u dan peress illi l-bastiment 'Ernest E. Pierce' ma ghadux proprjeta tas-socjeta rikorrenti, huwa llum il-gurnata registrar fuq socjeta kummercjali differenti u l-licenzja mertu tal-kawza odjerna - li hija necessarjament abbinata mal-bastiment u l-proprjetarji taghha - illum ma ghadiex effettiva. Jinghad ukoll illi l-kuntratt li abazi tieghu qeghdin jintalbu danni huwa dwar xoghol li kellu jsir wara d-data li fiha sar it-trasferiment tal-bastiment odjern (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. DS1);

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu li l-azzjoni hija bbazata fuq is-subinciz (1)(b) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni attrici hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad f'dan ir-rigward illi "r-rifjut datat 14 ta' April 2016" li s-socjeta rikorrenti taghmel referenza ghalih fit-talbiet taghha huwa biss ripetizzjoni ta' dak li kien diga gie komunikat precedentement lill-istess socjeta rikorrenti u bl-ebda tigbid tal-imagginazzjoni ma jista' jitqies li jikkostitwixxi xi decizjoni gdida;

4. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-esponent jecepixxi l-inapplikabilita tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-att in kwistjoni u cioe l-ittra tal-14 ta' April 2016 ma jikkostitwixxix 'eghmil amministrattiv' kif definit fl-artikolu 469A stess;

5. Illi in linea preliminari wkoll l-esponent jecepixxi illi ai termini tas-subinciz (7) tal-artikolu 12 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tista' tittiehed ebda azzjoni ghal

danni kontra d-Direttur minhabba fit-twettiq da parti tieghu tas-setghat skont is-subartikolu (4);

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti dikjarati mis-socjeta rikorrenti qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati;

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi l-esponent jecepixxi illi huwa mexa strettament fil-limiti tal-poter moghti lilu mil-ligi, strettament mad-dettami tal-ligi u sabiex jigu salvagwardjati l-istess ligijiet;

9. Illi kienet is-socjeta rikorrenti illi naqset milli tottempra ruhha mad-dettami tal-ligi u ma' struzzjonijiet legittimi moghtija rnill-esponent kemm qabel ma ttiehdet id-decizjoni tas-sospensjoni - liema decizjoni ittiehdet fit-28 ta' Mejju 2015 u komunikata lis-socjeta rikorrenti fil-15 ta' Cunju 2015 (ara Dok. DS2) - u anke wara u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

10. Illi fir-rigward tal-fatt illi s-socjeta rikorrenti intalbet sabiex ticcertifika illi l-istiva tal-bastiment Ernest E. Pierce kienet idoneja sabiex taqdi l-funzjoni taghha, l-esponent jecepixxi illi din intalbet ghar-ragunijiet ta' sahha pubblika u l-ligijiet applikabbli f'dan ir-rigward u dan in vista tal-fatt illi wara illi kienet ittiehdet id-decizjoni tas-sospensjoni, fit-22 ta' Lulju 2015, il-bastiment Ernest E. Pierce instab illi mhux talli ma kienx qed jopera kif ordnat mill-esponent izda talli nstab igorr kwantita konsiderevoli ta' karburant fl-istiva tieghu u dan bi ksur lampanti tal-ligijiet applikabbli;

11. Illi inoltre l-fatt illi il-bastiment de quo kien licenzjat bhala bastiment tas-sajd fil-kategorija MFD u cioe bastiment tas-sajd awziljarju ma jfissirx illi dan huwa prekluz ghal kollox milli jgorr xi hut fl-istiva tieghu u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

12. Illi fir-rigward ta’ min kien jew min ser ikun il-kaptan tal-bastiment de quo registrat mad-Dipartiment - liema dokumentazzjoni fost l-ohrajn kienet necessarja sabiex sabiex il-licenza tigi riattivata - l-esponent jecepixxi illi filwaqt li d-difensur tas-socjeta rikorrenti f'isem l-istess socjeta, insistiet li dan kien u ghadu Joseph O'Connor (il-persuna indikata fuq il-licenza), l-istess Joseph O'Connor avvicina lid-Dipartiment sabiex jirregistra persuna differenti minghajr ma prezenta d-dokumentazzjoni kollha mehtiega;

13. Illi fir-rigward tal-punt 13 tar-rikors in risposta l-esponent jecepixxi illi d-dokumenti u informazzjoni ulterjuri msemmija hija mizura ta’ due diligence li giet adottata ricentement mid-Dipartiment u li qed tigi mitluba ghal kull kaptan registrat u licenzjat ghall-bastimenti tas-sajd lokali;

14. Illi l-esponent jecepixxi wkoll illi certament li hu ma agixxiex in mala fede jew b'mod mhux ragjonevoli u ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 469A(5) l-esponent ma jwiegeb ghall-ebda danni;

15. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi illi s-socjeta rikorrenti dahlet ghall-ftehim msemmi fir-rikors in risposta meta kienet taf illi il-licenza taghha hija sospiza u inoltre peress illi l-bastiment de quo gie trasferit u peress illi l-kuntratt li s-socjeta rikorrenti taghmel referenza ghalih f'punt 16 tar-rikors in risposta huwa dwar xoghol li kellu jsir wara d-data li effettivament gie trasferit il-bastiment, l-esponent jecepixxi illi s-socjeta rikorrenti effettivament ma sofriet ebda danni li jistghu jigu reklamati fil-proceduri odjerni u ghaldaqstant it-talba ghad-danni hija ghal kollox infondata;

16. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponent ma hux responsabbli ghal dak li qed jigi allegat mill-attrici u ghalhekk ma hux responsabbli ghal dak vantat fir-rikors in risposta;

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi wahda ta' stharrig amministrattiv. Is-socjeta attrici qed tallega illi l-konvenut issospenda l-licenzja ghas-sajd fuq il-bastiment bl-isem 'Ernest E. Pierce' fil-15 ta' Gunju 2015 ghal zewg ragunijiet cioe li kien qed jopera l-barra mit-tnax il-mil nawtiku minghajr permess u illi kien qed jigi kmandat minn persuna li ma kinitx licenzjata ghal dan l-iskop. Is-socjeta attrici ssostni li l-licenzja giet sospiza bla ma kienu jezistu c-cirkostanzi taht l-artikolu 12(4) tal-Kap. 425. Is-socjeta attrici talbet ir-riattivar tal-licenzja b'ittra tal-15 ta' Marzu 2016 pero d-dipartiment baqa' jinsisti fuq is-sospensjoni, u apparti dan id-dipartiment b'email tal-20 ta' April 2016 ghamel rekwiziti godda biex jigu sodisfatti qabel tigi riattivata l-licenzja u nonostante li s-socjeta attrici ghamlet minn kollox biex tissodisfa dawn il-kondizzjonijiet, id-dipartiment baqa' ma bidilx fehmtu fuq is-sospensjoni. Is-socjeta attrici tqis illi n-nuqqas tad-dipartiment hu abbuz tas-setgha amministrattiva li sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti oltre li l-ghemil imur kontra l-ligi u konra l-principju tal-gustizja naturali, skond artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv).

Biex jilqghu ghal din it-talba l-konvenut jissottometti ili jonqos fis-socjeta attrici l-interess guridiku jmexxi din l-azzjoni billi l-bastiment inbiegh lil terzi u gie registrat f'isem terzi bil-licenzja tghajjat lit-terz. In oltre d-danni allegatament sofferti mis-socjeta attrici jirreferu ghal kuntratt ta' xoghol li kellu jinbeda wara d-data tat-trasferiment. In oltre jghidu wkoll illi l-azzjoni hi perenta in kwantu tirrigwarda l-azzjoni bazata fuq l-artikolu 469A(1)(b) billi 'ir-rifjut tal-14 ta' April 2016' hi biss ripetizzjoni ta' dak li kien gia kommunikat lis-socjeta attrici precedentement. Apparti dan, l-att u l-ittra tal-14 ta' April 2016 mhumiex eghmil amministrattiv.

**Dekadenza skond l-artikolu 469A(3)**

Dan l-artikolu jghid illi kawza biex twaqqa eghmil amministrattiv taht is-subinciz (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv.

Hu principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jibdew il-proceduri. Dan ir-rekwizit hu necessarju mhux biss ghaliex il-Qorti ghandha tiddeciedi biss fuq dak li jkollha quddiemha izda wkoll fl-interess tal-kontroparti biex tkun f'pozizzjoni tiddefendi ruhha.

Skond l-artikolu 469A(2) eghmil amministrattiv ifisser fost affarijiet ohra 'decizjoni ta' awtorita pubblika'. Il-perjodu li fih tista' tigi impunjata tali decizjoni hu wiehed ta' dekadenza li ma jigix interrott jew sospiz (ara per ezempju **Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rapprezentanza Kunsill Lokali Pieta**, App 19/05/2009).

Din il-kawza hi bazata fuq decizjoni tad-direttur tas-sajd. Is-socjeta attrici qed tissottometti illi d-decizjoni li minnha skatta t-terminu hi dik li ttiehdet mid-direttur fl-ittra tieghu tal-14 ta' April 2016 (fol. 18 tal-process) u li hi l-bazi tal-ewwel talba u dawk konsegwenzjali.

Din il-Qorti pero ma taqbilx mas-socjeta attrici illi d-decizjoni ttiehdet fl-14 ta' April 2016. Jibda biex jinghad illi fl-istess l-ewwel talba attrici, wara li tissemma d-decizjoni tal-14 ta' April 2016 izzid il-kliem 'kif ukoll ir-rifjut kontinwat tad-dipartiment' li jnehhi l-

effetti tas-sospenzjoni tal-licenzja tal-bastiment tas-socjeta attrici. Il-Qorti tqis illi d-decizjoni tas-sospensjoni tal-licenzja ma ttiehditx fl-14 ta' April 2016 izda permezz ta' ittra tat-28 ta' Mejju 2015 (fol. 60 tal-process) fejn is-socjeta attrici giet infurmata bis-sospenzjoni temporanja b'effett immedjat tal-licenzja tal-vapur ghar-raguni hemm imsemmija cioe li l-bastiment kien qed jigi operat minn persuna li mhux registrat mad-dipartment, ittra li s-socjeta attrici irceviet fil-15 ta' Gunju 2015 (fol. 61 tal-process) u allura skont ma jitlob l-artikolu 469A s-socjeta attrici kienet konsapevoli tad-decizjoni amministrattiva f'dik id-data. Id-direttur tas-sajd fil-kontroezami tieghu qal li d-decizjoni ttiehdet fl-20 ta' Mejju 2015 u ntbaghtet l-ittra bid-decizjoni tieghu. Zied ukoll li sussegwentement kien hemm kaz iehor fejn il-vapur inqabad igorr il-karburant meta l-licenzja kienet sospiza pero ma regghetx inharget sospensjoni gdida billi s-sospensjoni originali qatt ma tnehhiet. L-ittra esebita tal-1 ta' Settembru 2015 (fol. 19 tal-process) mibghuta mid-dipartiment lid-difensur tas-socjeta titkellem wahedha u ma tbiddel xejn mid-decizjoni originali li l-licenzja giet sospiza u baqghet hekk sospiza. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li din l-ittra fil-fatt qed izzid allegati vjolazzjonijet ohra tal-istess licenzja, jibqa' l-fatt illi dak li qed jigi attakkat hi s-sospensjoni tal-licenzja li saret f'Mejju 2015. Pero anki jekk ghal grazzja tal-argument kellu jitqies li din l-ittra qed taghti ragunijiet addizjonali ghal sospensjoni tal-licenzja li tista' tiftiehem bhala decizjoni amministrattiva gdida, jibqa' l-fatt illi l-kawza saret fit-3 ta' Mejju 2016 cioe oltre t-terminu ta' sitt xhur li taghti l-ligi. Infatti s-socjeta attrici tilmenta illi wara s-sospensjoni li saret f'Gunju 2015 (enfasi tal-Qorti) bl-allegazzjoni li l-bastiment instab il-barra mit-tnax-il mil nawtiku kif ukoll li ma kienx hemm kaptan licenzjat skond il-licenzja, hu kera l-bastiment lil terzi u kien f'Awwissu li d-dipartiment zied allegazzjoni ta' infrazzjoni ohra cioe li instab karburant fl-istiva meta l-bastiment kien wiehed tas-sajd u illi kien qed jintuza nonostante s-sospensjoni. Il-Qorti tqis ghal grazzja tal-argument illi anki jekk jitqies illi d-decizjoni ahharija ittiehdet permezz ta' ittra tal-1 ta' Settembru 2015, kif inghad, dan ifisser illi s-socjeta attrici ittentat l-azzjoni oltre t-terminu ta' sitt xhur impost mill-ligi. Ma' dan jizdied illi l-kontroprotest tad-dipartiment tat-2 ta' Settembru 2015 altru milli jaghmulha cara d-decizjoni amministrattiva mehuda mid-dipartiment, liema kontroprotest gie recevut mill-istess socjeta attrici.

Is-socjeta attrici tirreferi ghall-ittra tal-konvenut tal-14 ta' April 2016 li skond hi tirraprezenta d-decizjoni li minnha qed issir il-prezenti kawza, pero harsa lejn din l-ittra (fol. 18 tal-process) turi biss illi d-direttur kull ma ghamel hu li ikkonferma s-sospensjoni tal-licenzja u zied li ma kien hemm xejn iktar x'jinghad wara l-ittra tad-dipartiment tal-1 ta' Settembru 2015 u l-kontroprotest tat-2 ta' Settembru 2015. Din ma tikkostitwixxi ebda decizjoni, anzi hi prova li d-decizjoni kienet ittiehdet f'Gunju 2015 u ikkonfermata fl-1 Settembru 2015. Is-socjeta attrici ma gabet ebda prova li s-socjeta attrici ma kinitx konsapevoli ta' dawn l-ittri u li l-azzjoni gie intentata fit-terminu previst.

Il-Qorti ma tqis rilevanti li bejn Settembru 2015 u d-data tal-kawza cioe April 2016, kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet fejn jidher car illi s-socjeta attrici kienet qed tipprova issolvi l-allegati infrazzjonijiet permezz ta' dokumenti li kienet qed tipprezenta lil konvenut. Dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi dak li qed jigi attakkat kien is-sospensjoni tal-licenzja, sospensjoni li fl-ebda hin, kemm fid-decizjoni tat-28 ta' Mejju 2015 u dik li reghet ikkonfermat l-istess decizjoni fl-1 ta' Settembru 2015 ma tnehhiet.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni li l-kawza hi perenta ghax saret fuori termine hi fondata u ghalhekk ma hemmx lok li jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra ta' natura preliminari.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-kawza saret oltre t-terminu ta' sitt xhur a bazi tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 u ghalhekk qed tillibera lil konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur